**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Nru. 877/2021 NC**

**Godwin Gatt**

**vs.**

**Joseph Camilleri,**
**21st. Century Għall Kafe' Ltd,**
**Dusk & Dawn Company Ltd**

Illum 21 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur ppreżentat fit-2 ta' Settembru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-mittenti bħala eżerċitanti tal-kummerċ taħt l-isem 'Shopline Marketing', biegħ u ikkonsenja lil intimati prodotti tal-ikel u xorb, u dan fuq inkarigu tal-intimati stess;*

*2. Illi l-intimati huma debituri tal-mittenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija tmienja u sebgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċentemżu (Eur 34,878.58) rappreżentanti bilanċ tal-prezz għal bejgħ ta' imsemmija merkanzija;*

*3. Illi tali somma hija dovuta ai termini tal-iskrittura hawn annessa u mmarkata bħala Dok A tal-15 ta' Mejju 2020, kif ukoll l-istatement li juri l-bilanċ kurrenti li fadal x'jitħallas mil-invoices li dwarhom s'issa ma sarx pagament, liema statement qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B, flimkien ukoll mal-fatturi individwali relattivi għal istess statement, li għadhom mhux imħallsa, hawn annessi u mmarkati bħala Dok C;*

*4. Illi mill-bilanċ ikbar ta' sitta u tletin elf, tmien mija u sebgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Eur 36,870.78) kkonferat mil-intimati fl-iskrittura ta' 'Debt Acknowledgment' datata l-15 ta' Mejju 2020, llum il-ġurnata, ir-ramnenti bilanċ dovut, wara li ttieħdu in konsiderazzjoni l-'credit notes' hekk kif bi ftehim mal-intimati inġabar xi xogħol suplit, huwa dak ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija tmienja u sebgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċentemżu (Eur 34,878.58) kif indikat f'dan ir-rikors, u ċioe, l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, sitt mija u erbatax-il Ewro u għaxar ċentezmi (Eur 24,614.10) in kwantu bilanċ kif jirriżulta mil-istatement anness bħala Dok B, u in kwantu għar-rimanenti bilanċ ta' għaxart elef mitejn u erbgħa u sittin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Eur 10,264.48), dovut kif jirriżulta minn kopja tac-cheques tal-intimati, li ingħataw lil mittenti bħala ħlas għal xogħol ieħor ta' merkanzija, iżda li ġew 'countermanded' u għalhekk ma setgħux jissarfu mil-mittenti;*

*5. Illi tali bilanċ għadu ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet bonarji;*

*6. Illi għalhekk ir-rikorrenti, kellu jintavola dan ir-rikors;*

*7. Illi safejn jaf l-istess rikorrenti l-intimati ma għandhomx difiża x'jagħtu kontra t-talba;*

*Illi għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*(1) tipproċedi għas-sentenza skond it-talbiet rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(2) tiddikjara li l-intimati, jew minn minnhom huma debituri tal-attur għas-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija tmienja u sebgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċentemżu (Eur 34,878.58) rappreżentanti bilanċ tal-prezz għal bejgħ ta' imsemmija merkanzija u dan fuq inkarigu tal-intimati stess;*

*(3) tikkundanna lil intimati, jew min minnhom iħallsu s-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija tmienja u sebgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċentemżu (Eur 34,878.58) lil attur;*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, u bl-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, minn issa nġunti għas-subizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tas-16 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 312) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tallum u li l-konvenuti ġew ordnati sabiex jidhru llum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum (*a fol.* 315) fejn ġie dikjarat illi l-Qorti kienet ħadet konjizzjoni tal-fatt illi t-tliet konvenuti kienu ġew debitament notifikati b'dawn il-proċeduri u li baqgħu ma dehrux meta ġew imsejħa. B'hekk it-tliet konvenuti għandhom jitqiesu li huma kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-affidavit tal-attur (*a fol.* 5 *et seq.*) u semgħet id-depożizzjoni tiegħu fis-seduta tallum.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 5 *et seq.*), l-attur jixhed li jiġġestixxi n-negozju bl-isem Shopline Marketing u jispjega li dan huwa negozju li permezz tiegħu jimpurtaw, jissuplixxu u jbiegħu prodotti ta' ikel u xorb, u prodotti tal-merċa lil diversi ħwienet, ristoranti u stabbilimenti oħra madwar Malta u Għawex. Jispjega li lill-konvenut Camilleri u lill-kumpaniji tiegħu (iż-żewġ konvenuti l-oħra) ilhom jissulpixxuhom bix-xogħol ta' ikel u xorb u prodotti tal-merċa sa minn Jannar 2015. Jgħid li dan l-aħħar snin il-pagamenti għax-xogħol suppliet bdew idumu ma jaslu u li meta beda jgħaddi ż-żmien talab lill-konvenut Camilleri jikkonferma sabiex f'ismu u għan-nom tal-konvenuti l-oħra jiddikjara li kien hemm ammont dovut. Jixhed li l-bilanċ dovut mill-konvenuti huwa dak ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija, tmienja u sebgħin Euro u tmienja u ħamsin ċentemżu (€34,878.58) u li kien hemm inadempjenza minkejja d-debita interpelazzjoni sabiex jitħallas dan l-ammont u li b'hekk skont hu l-konvenuti huma debituri fl-ammont imsemmi li huwa ċert, likwidu u dovut.

Illi, fir-Rikors Ġuramentat, l-attur jiddikjara li, sa fejn jaf hu, il-konvenuti ma għandhomx difiża x'jagħtu kontra t-talba tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attur bil-ġurament tiegħu fl-affidavit minnu preżentat u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tal-attur huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mill-attur, il-Qorti tqis li l-kreditu mitlub minnu ġej minn operazzjoni kummerċjali ta' bejgħ ta' prodotti ta'

ikel u xorb. Il-Qorti tqis ukoll li kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut Joseph Camilleri għandhom jitqiesu bħala kummerċjanti ladarba jidhru li huma għandhom reġistrati f'isimhom numru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Ladarba din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 1139 sa 1141 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 26A sa 26J tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, kif dawn ġew emendati bl-Avviżi Legali tal-2012 u tal-2014.[1]

Illi Artikolu 26A tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser "intrapriża" bħala *"kull organizzazzjoni, li ma tkunx awtorità pubblika, li tkun qegħda taġixxi filwaqt li tkun qegħda twettaq attività ekonomika jew professjonali indipendenti, ukoll meta din tkun qegħda tiġi ġestita minn persuna waħidha"*.

Illi ladarba d-dejn huwa ta' natura kummerċjali b'hekk ikun opportun li ssir riferenza għal dak li ngħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-3 ta' Ottubru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat et vs. Maġġur Louis Radmilli et** fejn saħqet is-segwenti:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq."

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' materjal. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[2] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

---

[1] *Vide* **Blye Engineering Co. Ltd vs. Allegro Andante Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 2010.

[2] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tal-attur billi tiddikjara li l-konvenuti Joseph Camilleri, 21st. Century Għall Kafe' Ltd u Dusk & Dawn Company Ltd huma debituri tal-attur għas-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija, tmienja u sebgħin Euro u tmienja u ħamsin ċentemżu (€34,878.58) rappreżentanti bilanċ tal-prezz għal bejgħ ta' merkanzija u dan fuq inkarigu tal-konvenuti stess;

(3) Tikkundanna lill-konvenuti Joseph Camilleri, 21st. Century Għall Kafe' Ltd u Dusk & Dawn Company Ltd iħallsu s-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija, tmienja u sebgħin Euro u tmienja u ħamsin ċentemżu (€34,878.58) lil attur bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv;

Tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Ġuramentat tal-attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti Joseph Camilleri, 21st. Century Għall Kafe' Ltd u Dusk & Dawn Company Ltd.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**